# Il-Ħadd 24.06.2018

1. Bħalma forsi diġà sirtu tafu, il-Papa Franġisku ħatar lill-Vigarju Ġenerali, Mons. Joseph Galea Curmi, bħala Isqof Awżiljarju ta' Malta. Nawgurawlu u nitolbu għalih.

2. Mit-Tnejn 25/06 sal-Ġimgħa 29/06:
   - Fis-7:15pm - Ġimgħa ta' Tagħlim mill-membri tal-MUSEUM
     quddiem il-kappella ta' Santa Marija, bit-tema:
     ***FITTXU L-EWWEL IS-SEWWA - Mt 6:33***.
     Ta' min naħtfu din l-opportunità ta' tagħlim nisrani għall-adulti.

3. It-Tlieta 26/06:
   - Fid-9:30am - Laqgħa tal-Kelma tal-Ħajja għand is-Sorijiet Dumnikani.
     Kulħadd mistieden.

4. Il-Ġimgħa 29/06, **Solennità ta' San Pietru u San Pawl - L-Imnarja**:
   - Tajjeb li nqaddsu dal-jum bis-sehem tagħna fil-quddies li jkun fil-ħinijiet ta' matul il-ġimgħa.
   - Il-Kan. Kappillan David Farrugia jiċċelebra l-14-il sena minn mindu sar saċerdot (29/06/2004). Nifirħulu u nawgurawlu, u nkomplu nwiegħeduh it-talb u l-koperazzjoni tagħna.

5. **Infakkar li mill-Ħadd 1/07, ser ikollna tibdil fil-ħinijiet tal-quddies tal-Ħadd:**
   - **Fis-6:45am;**
   - **Fid-9:00am;**
   - ***Fl-10:30am – (Issir biss f'każ taċ-Ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Magħmudija jew raġunijiet speċjali oħra u tkun avżata minn qabel)***;
   - **Fis-6:00pm.**
     **Dan ser japplika żgur sal-aħħar ta' Settembru minħabba li l-għajnuna tal-qassisin fil-quddies tal-Ħadd ser tkun limitata ħafna. Ħudu nota u xerrdu l-kelma.**

6. It-Tlieta 03/07:
   - Ħarġa għal Għawdex. Tluq fis-6:30am u nkunu lura għat-8:00pm.
     Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.

7. Avviżi oħra:
   - Infakktu li jekk hawn min hu interessat jixtri xi ritratti (15x10cm) relatati mal-Viżta Pastorali li saret mill-Arċisqof fil-parroċċa tagħna, mitlub jiġi l-Uffiċċju Parrokkjali fil-ħinijiet tas-soltu sal-Erbgħa 4/07/18 biex jimla formola bl-ordni tiegħu. Aktar dettalji mingħand il-Kappillan.
   - Matul il-jiem li ġejjin ser jitqassam il-*'Flimkien'* tax-xahar ta' Lulju,
     flimkien mal-envelops għad-donazzjonijiet tagħkom b'risq l-Arbural tal-Festa.
     Waqt li nafda f'idejn il-ġenerożità tagħkom, infakkarkom li dawn tistgħu
     tgħadduhom lura billi timpustawhom fil-letterbox jew iġġibuhom intom stess fl-uffiċċju parrokkjali.

8. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 325 bħala ġabra speċjali b'risq il-festa ta' San Pawl;
   - € 70 bħala donazzjoni b'risq il-manutensjoni tal-Knisja u l-proġetti ta' restawr;
   - € 190 mil-lotterija f'Jum il-Missier. Grazzi mill-qalb.